

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6257 – Blackstone/Valad Property)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 199/06)

1. Fit-30 ta' ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża The Blackstone Group L.P. (“Blackstone”, l-Istati Uniti) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta’ Valad Funds Management Limited u Valad Property Trust (flimkien “Valad Property”, l-Australja) permezz tal-akkwist ta’ titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Blackstone: ġestjoni alternattiva tal-assi, servizzi ta’ konsulenza finanzjarja,
- għal Valad Property: servizzi ta’ proprjetà immobбли.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista’ taqa’ fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet⁽²⁾ ta’ min jinnota li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejil lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta’ referenza COMP/M.6257 – Blackstone/Valad Property, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).